MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-4 ta' Jannar, 2008

Numru 28/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**R.G.**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra R. G. talli nhar is-26 ta’ Ottubru 2006 u f’diversi granet ohra fl-istess xahar ta’ Ottubru[1] ghall-habta ta’ 17:00 hrs fir-Rabat, Ghawdex, meta kienet ordnata mill-Qorti jew kif marbuta bil-kuntratt datat 30 ta’ Awissu 2001 li sar fl-atti tan-Nutar Silvio Hili, naqset li taghti access ghal binha K. lil zewgha M.A.C. minghajr raguni xierqa;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-4 ta’ Jannar 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet lil R.G.

[1] Ara l-korrezzjoni tal-imputazzjoni awtorizzata fl-udjenza tal-14 ta’ Novembru 2006, fol. 2

hatja skond l-imputazzjoni dedotta kontra taghha u kkundannatha ammenda ta’ hamsa w ghoxrin lira (Lm25) (illum Ewro tmienja w hamsin u tlieta w ghoxrin centenzmu – E58.23);

Rat ir-rikors ta’ appell tal-imsemmija R. G., minnha pprezentat fit-18 ta’ Jannar 2007, li permezz tieghu talbet ir-revoka tal-imsemija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi; ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellanti huma tnejn. Hija tikkontendi fl-ewwel lok li ma kellhiex tinstab hatja peress illi fiz-zmien inkriminat hi kienet marbuta li tobdi l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Superjuri) Sezzjoni tal-Familja tal-10 ta’ Mejju 2004 li kien ighid li l-access ghall-minuri K. kellu jkun “supervised”. It-tieni aggravju hu fis-sens li hi kellha raguni xierqa biex ma taghtix access lil zewgha, u dan peress li hija kienet tibza’ li dan binha z-zghir jispicca manipulat minn missieru b’tali mod li ma jkunx irid jibqa’ ghandha; l-appellanti tghid li zewgha hekk proprju ghamel bil-fustanija.

Din il-Qorti damet biex ippronunzjat din is-sentenza ghax, kif jirrizulta mill-atti ta’ l-appell u l-verbali tad-diversi udjenzi, hija ppruvat tara kif it-tfal tal-kontendenti – iz-zghir imsemmi fl-imputazzjoni u l-fustanija – jergghu jistabilixxu kuntatt mal-missier u ma’ l-omm rispettivament, u dan bil-ghajnuna tas-*social workers* Peter Paul Portelli u Stefania Muscat. Dan il-kuntatt kien gie terminat principalment minhabba l-attrit li jezisti bejn l-appellanti u zewgha, attrit li, kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentneza appellata, jispicca bhal dejjem biex ikollu effett hazin ghall-ahhar fuq dawk li ma jahtu xejn ghall-firda bejn ir-ragel u l-mara – it-tfal. Issa, pero`, wasal iz-zmien li din il-Qorti tidderimi l-vertenza billi tiddeciedi jekk l-ewwel qorti kienitx korretta meta sabet lill-appellanti hatja kif effettivament sabitha.

Kwantu ghall-ewwel aggravju, qatt ma giet ezibita kopja tad-digriet tal-10 ta’ Mejju 2004. L-uniku digriet ezibit

huwa dak tas-26 ta' Ottubru 2006[2] – wahda mid-dati msemmija fic-citazzjoni – li jghid "…tipprovdi billi tikkonferma l-modalitajiet stipulat ghall-access tal-minuri fil-kuntratt ta' separazzjoni tat-30 ta' Awissu 2001". Ghalhekk dana l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Anqas ma jirrizultalha sodisfacentement lil din il-Qorti li kien hemm xi raguni xierqa ghala l-appellanti ma kellhiex taghti access tat-tifel iz-zghir lil zewgha, cioe` li timxi mal-kuntratt ta' separazzjoni. Huwa veru li l-karattru tal-missier huwa wiehed skifuz ghall-ahhar, b'tendenzi ta' paranoia (kif fissret ix-xhud Joan Camilleri meta ddeponiet quddiem din il-Qorti fl-udjenza tal-10 ta' Settembru 2007). Veru li hemm ukoll allegazzjoni ta' l-omm li t-tifel iz-zghir, cioe` K., ma huwiex it-tifel ta' zewgha – kwistjoni, din, li ghandha tigi ventilata quddiem il-Qorti kompetenti u mhux quddiem din il-Qorti – pero`, fil-fehma tal-Qorti l-vera raguni ghala l-appellanti ma tatx access lil zewgha ghat-tifel fiz-zmien inkriminat kienet il-pika eccessiva li kienet tezisti bejniethom. Din il-Qorti taghmilha cara li din il-pika gejja miz-zewg nahat, mhux min-naha ta' l-appellanti biss. Jekk kien hemm xi raguni verament valida ghala l-access ma kellux jitkompla, tali raguni kellha tingieb mill-ewwel a konjizzjoni tal-Qorti kompetenti. Fin-nuqqas, kellu jigi osservat il-kuntratt ta' separazzjoni tat-30 ta' Awissu 2001.

Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti. Konsegwentement, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------

[2] Mhux 16 ta' Ottubru 2006, kif erroneament indikat fis-sentenza appellata.